

32001L0004

L 22/17

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

24.1.2001

## ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 2001/4/KE

tad-19 ta' Jannar, 2001

**li temenda s-Sitt Direttiva (77/388/KEE) dwar is-sistema komuni tat-taxxa fuq il-valur miżjud, rigward it-tul ta' żmien li matulu r-rata standard minima għandha tiġi applikata**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 93 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali <sup>(2)</sup>,

Billi:

- (1) L-Artikolu 12(3)(a) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill (77/388/KEE) tas-17 ta' Mejju, 1977 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mat-taxxi fuq il-valur tal-bejgħ – is-sistema Komuni tat-taxxa fuq il-valur miżjud: il-bażi uniformi ta' stima <sup>(3)</sup>, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa s-Sitt Direttiva dwar il-VAT, tistabbilixxi illi l-Kunsill għandu jiddeċiedi dwar il-livell tar-rata *standard* applikabbli wara l-31 ta' Diċembru, 2000.
- (2) Waqt li r-rata *standard* tat-taxxa fuq il-valur miżjud korrentement fis-seħħ fil-varji Stati Membri, kombinata mal-mekkaniżmu tas-sistema transitorja, assigurat illi din is-sistema ħadmet sa' livell aċċettabbli, huwa madankollu mportanti li ma titħallix li jkun hemm diverġenza li tikber fir-rati standard tal-VAT applikati mill-Istati Membri biex ma jwasslux għal żbilanċi strutturali fil-Komunità u tagħwiġ fil-kompetizzjoni f'xi setturi ta' attività, għall-inqas matul il-perjodu taż-żmien li fih tkun qegħda tiġi mplimentata strateġija ġdida għall-VAT sabiex tissimplifika u timmodernizza l-leġislazzjoni korrenti tal-Komunità dwar il-VAT, kif stabbilita fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Ġunju, 2000.
- (3) Huwa għalhekk xieraq li tinżamm ir-rata korrenti minima standard ta' 15 % għal perjodu ta' żmien iktar fit-tul sabiex tippermetti li tiġi mplimentata l-istrateġija ta' simplifikazzjoni u ta' modernizzazzjoni,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

## Artikolu 1

L-ewwel u t-tieni sub-paragrafi ta' l-Artikolu 12(3)(a) tas-Sitt Direttiva dwar il-VAT għandhom jiġu mibdula b'dan li ġej:

- “3. (a) Ir-rata *standard* tat-taxxa fuq il-valur miżjud għandha tiġi ffissata minn kull wieħed mill-Istati Membri bħala perċentaġġ fuq l-ammont taxxabbli u għandha tkun l-istess għall-provvista ta' l-oġġetti u għall-provvista tas-servizzi. Mill-1 ta' Jannar, 2001 sal-31 ta' Diċembru, 2005, dan il-perċentaġġ ma jstax ikun inqas minn 15 %.

Fuq proposta mill-Kummissjoni u wara li kkonsultaw mall-Parlament Ewropew u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, il-Kunsill għandu jiddeċiedi b'mod unanimu dwar il-livell tar-rata *standard* stabbilit li għandha tiġi applikata wara l-31 ta' Diċembru, 2005.”

## Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva qabel l-1 ta' Jannar, 2001. Għandhom jgħarrfu bihom lill-Kummissjoni malajr.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn għandu jkun fihom riferenza għal din id-Direttiva u għandhom jiġu akkumpanjati b'din ir-riferenza fl-okkażżjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi dwar kif jagħmlu din ir-riferenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-disposizzjoni fil-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

## Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropew.

Għandha tibda tapplika mill-1 ta' Jannar, 2001.

## Artikolu 4

Din id-Direttiva hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fid-19 ta' Jannar, 2001.

Għall-Kunsill

Il-President

B. RINGHOLM

<sup>(1)</sup> L-Opinjoni mogħtija fl-14 ta' Diċembru, 2000 (għadha mhix publikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

<sup>(2)</sup> L-Opinjoni mogħtija fid-29 ta' Novembru, 2000 (għadha mhix publikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

<sup>(3)</sup> ĠU L 145, tat-13.6.1977, p. 1. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2000/65/KE (ĠU L 269, tal-21.10.2000, p. 44).